**Talba għal ruħ il-Papa Benedittu XVI**

O Missier, Ragħaj etern,
agħti widen għat-talbiet tal-poplu tiegħek għall-qaddej tiegħek Benedittu,
li mexxa lill-Knisja bl-imħabba.

Fil-ħniena tiegħek, lilu u lill-merħla li int kont fdajtlu
wassalhom għall-premju li wegħidt lill-qaddejja fidili tiegħek.

Agħmel li hu li fedelment amministra l-misteri
tal-maħfra u l-imħabba tiegħek fuq din l-art,
jithenna miegħek għal dejjem fis-Sema.

Fl-għerf u l-imħabba tiegħek,
int għamilt minn dan il-qaddej tiegħek
għalliem tal-Knisja kollha tiegħek.
Hu wettaq il-ħidma ta' Kristu fuq l-art.

Ħa jilqgħu Ibnek fil-glorja ta' dejjem.

Ħalli dan il-qaddej tiegħek li int ħtart
bħala qassis il-kbir tal-merħla tiegħek
jingħadd issa fost il-qassisin fil-ħajja tas-Saltna tiegħek.

Agħti lill-qaddej tiegħek il-premju tal-hena ta' dejjem
u bil-ħniena tiegħek iksbilna d-don tal-ħajja u l-imħabba tiegħek.

Lil dan il-qaddej tiegħek b'fidi u tama nafdawh fil-ħniena tiegħek.
Fil-familja tal-bnedmin hu kien strument tal-paċi u l-imħabba tiegħek.

Ħa jithenna issa f'dawk id-doni għal dejjem mal-qaddisin tiegħek.
Amen.